Nru. 17,901
Prezz 16ċ
Price 16c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2006
Wednesday, 29th March, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 277

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Ħatra ta' Segretarju Permanenti

IL-PRESIDENT ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Paul Zahra, B.A. (Hons.) Bus. Mngt., M.B.A., A.C.E.A., A.I.D.P.M., F.I.S., bħala Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru *(Policy)* skond l-Artikolu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta b'seħħ mill-20 ta' Marzu, 2006.

Id-29 ta' Marzu, 2006

Nru. 278

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Ħatra ta' Segretarju Permanenti

IL-PRESIDENT ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Anthony J. Vella, DPA, DMS, MBA, bħala Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru *(Strategy and Operations)* skond l-Artikolu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta b'seħħ mill-20 ta' Marzu, 2006.

Id-29 ta' Marzu, 2006

GOVERNMENT NOTICES

No. 277

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Appointment of Permanent Secretary

THE PRESIDENT of Malta, on the advice of the Prime Minister, given after consultation with the Public Service Commission, appointed Mr Paul Zahra, B.A. (Hons.) Bus. Mngt., M.B.A., A.C.E.A., A.I.D.P.M., F.I.S., as Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister (Policy), in terms of Article 92 (3) of the Constitution of Malta with effect from the 20th March, 2006.

29th March, 2006

No. 278

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Appointment of Permanent Secretary

THE PRESIDENT of Malta, on the advice of the Prime Minister, given after consultation with the Public Service Commission, appointed Mr Anthony J. Vella, DPA, DMS, MBA, as Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister (Strategy and Operations), in terms of Article 92 (3) of the Constitution of Malta with effect from the 20th March, 2006.

29th March, 2006

Nru. 279

MINISTERU TAL-FINANZI

Ħatra ta' Segretarju Permanenti

IL-PRESIDENT ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Alfred Camilleri, B.A. (Hons.) Pub. Admin., M.Sc. (Econ.) Wales, bħala Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi skond l-Artikolu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta b'seħħ mill-20 ta' Marzu, 2006.

Id-29 ta' Marzu, 2006

No. 279

MINISTRY OF FINANCE

Appointment of Permanent Secretary

THE PRESIDENT of Malta, on the advice of the Prime Minister, given after consultation with the Public Service Commission, appointed Mr Alfred Camilleri, B.A. (Hons.) Pub. Admin., M.Sc. (Econ.) Wales, as Permanent Secretary in the Ministry of Finance in terms of Article 92 (3) of the Constitution of Malta with effect from the 20th March, 2006.

29th March, 2006

Nru. 280

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Ħatra ta' Segretarju Permanenti

IL-PRESIDENT ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Frank Mifsud, B.A., bħala Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità skond l-Artikolu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta b'seħħ mill-20 ta' Marzu, 2006.

Id-29 ta' Marzu, 2006

No. 280

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Appointment of Permanent Secretary

THE PRESIDENT of Malta, on the advice of the Prime Minister, given after consultation with the Public Service Commission, appointed Mr Frank Mifsud, B.A., as Permanent Secretary in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care in terms of Article 92 (3) of the Constitution of Malta with effect from the 20th March, 2006.

29th March, 2006

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar l-Għaqdiet Koperattivi)

Xoljiment ta' Għaqda

Ordni Nru. 01

Billi l-"Koperattiva Terrestrial and Maritime Archaeological Services Limited" li ġiet irreġistrata fl-10 ta' Ottubru 2003, waqfet minn kull ħidma u billi l-Bord tal-Koperattivi huwa sodisfatt illi s-Soċjetà msemmija għandha tiġi maħlula skond u għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 100 (2) ta' l-Att ta' l-2001, il-Bord tal-Koperattivi ordna illi s-Soċjetà msemmija għandha tinħall u tinnomina lis-Sur Charles Farrugia, DFK Malta, 2, Manol Mansion, De Paul Avenue, Ħal Balzan, bħala likwidatur.

Is-Sur Mario Falzon
Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

It-3 ta' Frar, 2006
CB 15/03
CB 34/79/91

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Winding up Order

Order No. 01

Whereas the "Koperattiva Terrestrial and Maritime Archaeological Services Limited" which was registered on 10th October 2003, ceased functioning and the Co-operatives Board is satisfied that the Society should be wound up in accordance with and for the purposes of the provisions of section 100 (2) of the Co-operative Societies Act 2001, the Co-operatives Board has ordered the said Society to be wound up and has appointed Mr Charles Farrugia, DFK Malta, 2, Manol Mansion, De Paule Avenue, Balzan to be liquidator.

Mr Mario Falzon
Chairperson
Central Office of Co-operatives

3rd February, 2006

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar l-Għaqdiet Koperattivi)

Xoljiment ta' Għaqda

Ordni Nru. 02

Billi l-"Koperattiva ta' l-Aluminium u Servizzi Oħra Limitata" li ġiet irreġistrata fl-20 ta' Diċembru 2001, waqfet minn kull ħidma u billi l-Bord tal-Koperattivi huwa sodisfatt illi s-Soċjetà msemmija għandha tiġi maħlula skond u għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 100 (2) ta' l-Att ta' l-2001, il-Bord tal-Koperattivi ordna illi s-Soċjetà msemmija għandha tinħall u tinnomina lis-Sur Charles Farrugia, DFK Malta, 2, Manol Mansion, De Paul Avenue, Ħal Balzan, bħala likwidatur.

Is-Sur Mario Falzon
Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

It-3 ta' Frar, 2006
CB 17/96/11
CB 34/79/77

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Winding up Order

Order No. 02

Whereas the "Koperattiva ta' l-Aluminium u Servizzi Oħra Limitata" which was registered on 20th December 2001, ceased functioning and the Co-operatives Board is satisfied that the Society should be wound up in accordance with and for the purposes of the provisions of section 100 (2) of the Co-operative Societies Act 2001, the Co-operatives Board has ordered the said Society to be wound up and has appointed Mr Charles Farrugia, DFK Malta, 2, Manol Mansion, De Paule Avenue, Balzan to be liquidator.

Mr Mario Falzon
Chairperson
Central Office of Co-operatives

3rd February, 2006

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar l-Għaqdiet Koperattivi)

Xoljiment ta' Għaqda

Ordni Nru. 03

Billi l-"Koperattiva Indafa Pubblika Limitata" li ġiet irreġistrata fil-15 ta' April 1994, waqfet minn kull ħidma u billi l-Bord tal-Koperattivi huwa sodisfatt illi s-Soċjetà msemmija għandha tiġi maħlula skond u għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 100 (2) ta' l-Att ta' l-2001, il-Bord tal-Koperattivi ordna illi s-Soċjetà msemmija għandha tinħall u tinnomina lis-Sur Hector J. Spiteri, CPA, 32, "Shamu", Triq Korfu, in-Naxxar, bħala likwidatur.

Is-Sur Mario Falzon
Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

Is-16 ta' Frar, 2006
CB 5/94
CB 34/79/32

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Winding up Order

Order No. 03

Whereas the "Public Cleaners Co-operative Limited" which was registered on the 15th April 1994, ceased functioning and the Co-operatives Board is satisfied that the Society should be wound up in accordance with and for the purposes of the provisions of section 100 (2) of the Co-operative Societies Act 2001, the Co-operatives Board has ordered the said Society to be wound up and has appointed Mr Hector J. Spiteri, CPA, 32, "Shamu", Korfu Street, Naxxar, to be liquidator.

Mr Mario Falzon
Chairperson
Central Office of Co-operatives

16th February, 2006

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

508

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Marzu 2006, Ittra Numru 1294/04 WA, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Albert Vella, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Ittra ppreżentata fl-1 ta' Novembru 2004, indirizzata lir-Reġistratur Qorti Ċivili (Diviżjoni tal-Familja) il-Qorti, Valletta, Rita Vella, ta' 'Fleur', Triq Valletta, l-Imqabba, mart Albert Vella ta' l-istess indirizz esponiet bir-rispett;

Billi huma kienu żżewġu u miż-żwieġ tagħhom għandhom diversi tfal maġġorenni u minorenni.

Billi llum iż-żwieġ tagħhom sfaxxa rrimedjabilment u dana għal raġunijiet serji u ammissibbli skond il-liġi tant li ma jistgħux jibqgħu jgħixu flimkien.

Għaldaqstant il-mittenti qed titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti Ċivili (Diviżjoni tal-Familja) jogħġobha tawtorizzaha tissepara minn żewġha Albert Vella ta' l-indirizz fuq indikat.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), illum, 24 ta' Marzu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 8th March 2006, Letter Number 1294/04 WA, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Albert Vella, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Letter filed on the 1st November 2004, addressed to the Registrar Civil Courts (Family Section) the Law Courts, Valletta, Rita Vella, of 'Fleur', Valletta Road, Mqabba, wife of Albert Vella of the same address pleaded with respect;

As they had married and from their marriage they have various children of age and minors.

As today their marriage has irretrievably broken down and this due to serious reasons and admissible according to law so much so that they cannot continue to live together.

Thus the interpellant prays with respect that she be authorized by this Honourable Civil Court (Family Section) to separate from her husband Albert Vella of the address above indicated.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 24th March 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

509

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Jannar 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 22/05 NC, fl-ismijiet Godfrey Farrugia vs Carmela Farrugia, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuta a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Godfrey Farrugia, ID Numru 482168(M) ippreżenta Ċitazzjoni fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-26 ta' Jannar 2005, kontra Carmela Farrugia ID Numru 507966(M), fejn talab il-konvenuta tgħid għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex;

1. Tiddikjara ż-żwieġ kontrattat bejn il-kontendenti fis-6 ta' Awissu 1988 null u bla effett għal kull fini u effett tal-liġi.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku jannota tali nullità ta' l-Att taż-Żwieġ Numru 1361 tas-sena 1988.

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 16th January 2006, in the records of the Writ of Summons Number 22/05 NC, in the names Godfrey Farrugia vs Carmela Farrugia, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Gofrey Farrugia, ID Number 482168(M) filed a Writ of Summons in the Civil Court (Family Section) on the 26th January 2005, against Carmela Farrugia ID number 507966(M), whereby he asked the defendant why this Honourable Court should not;

1. Declare the marriage contracted between the parties on the 6th August 1988 null and without effect for all intents and purposes of law.

2. To order the defendant Director of Public Registry to annotate the said nullity on the Marriage Act Number 1361 of the year 1988.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Konvenuta: 14, Alessandra Street, Bormla.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 22/2005 NC fl-ismijiet Farrugia Godfrey vs Farrugia Carmela tinsab differita għall-20 ta' April 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 27 ta' Marzu 2006.

AVV. DOTT . FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs against the defendant who is from now summoned so that a reference to her evidence be made.

Defendant: 14, Alessandra Street, Cospicua.

The cause Writ of Summons Number 22/2005 NC, in the names Farrugia Godfrey vs Farrugia Carmela has been put off to the 20th April 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Court (Family Section) today 27th March 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

510

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Frar 2006, fl-atti tar-Rikors Numru 590/05 GC fl-ismijiet Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità vs Direttur Ġenerali tas-Saħħa, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Mary Grixti Soler, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

590/05 GC

Differita 31.10.05

Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità
vs
Direttur Ġenerali tas-Saħħa.

Rikors tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern.

Jesponi bir-rispett:

Illi huma intimat fir-rikors fl-ismijiet premessi.

Illi l-fond 1, Memè Scicluna Square, Gżira, li dwaru hemm il-problema ta' stallazzjoni tal-lift jinsab għandu b'titolu ta' kera u minkejja li talab il-permess tas-sidien u rappreżentanti tagħhom sabiex ikun jista' jaffettwa tali stallazzjoni huma ċ aħdu illi jagħtu l-permess tagħhom.

Illi minn informazzjoni illi għandu r-rikorrent jirriżulta illi s-segwenti persuni; Mary Grixti Soler, Nathalie Galea Medati, Sister Rebecca Grech, Sister Clotilde Schiavone u Andrew Pullicino huma s-sidien tal-fond fuq imsemmi.

Għaldaqstant l-esponent in vista tal-premess umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-kjamata in kawża tal-persuni fuq imsemmija.

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 14th February 2006, in the records of the Application Number 590/05 GC, in the names National Commission For Persons with Disability vs Director General Health, ordered the following publication for the purpose of service of Mary Grixti Soler, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

590/05 GC

Put off 31.10.05

National Commission For Persons With Disability
vs
Director General Health.

Application of the Chief Government Medical Officer.

Pleads with respect:

That he is a respondent in the application in the names premised.

That the premises 1, Memè Scicluna Square, Gżira, regarding which there is a problem regarding the installation of a lift, is in his possession by title of lease and although he asked the owners and their representatives in order that he may carry out the said installation, they refused to give their permission.

That from information that the applicant has it results that the following persons; Mary Grixti Soler, Nathalie Galea Medati, Sister Rebecca Grech, Sister Clotilde Schiavone and Andrew Pullicino are the owners of the above mentioned premises.

Thus the applicant in view of the premised humbly asks this Honourable Court, to order that the said persons be joined in the suit.

Notifiki: 1) Mary Grixti Soler
53, Triq Amery, Sliema.

Ir-Rikors Numru 590/2005 GC, fl-ismijiet Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità vs Direttur Ġenerali tas-Saħħa, jinsab differit għas-smiegħ għas-6 ta' April 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Marzu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notify: 1) Mary Grixti Soler
53, Amery Street, Sliema.

The Application Number 590/2005 GC, in the names National Commission For Persons with Disability vs Director General Health, has been put off for hearing for the 6th April 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 27th March 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

511

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Diċembru 2005, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 29 ta' Lulju 2005.

Lil Nawaflah Abdallah Ahmad u Khaled Fathy Dora f'isimkom personali kif ukoll bħala diretturi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Crystal Group Ltd.

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jinterpellakom ai termini ta' l-Artikolu 66 ta' l-Att XXIII ta' l-1998 sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallsu l-ammont ta' tlett elef, mitejn u wieħed u tletin lira Maltin (Lm3,231) rappreżentanti ammont dovut minnkom pro et noe skond l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond dak l-Att sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment, iżda mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għand l-istess Kummissarju tat fuq il-Valur Miżjud kontra tagħkom permezz ta' l-Avviż li ntbagħat lilkom.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżakom li se jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Tant biex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Mittenti: Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara.

Notifiki Intimati: 1. Nawaflah Abdallah Ahmad, 54, Triq l-Ibjar, Valletta.

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given 16th December 2005, ordered the following publication for the purpose of service of the defendants in terms of Article 187(3 of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 29th July 2005.

To Nawaflah Abdallah Ahmad and Khaled Fathy Dora in your own name as well as directors in the name and in representation of the company Crystal Group Ltd.

By the present, the Commissioner for Value Added Tax calls upon you in terms of Article 66 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of three thousand two hundred and thirty one Maltese liri (Lm3,231) representing amount due by you pro et noe according to the same Act.

With costs and interest according to that Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law and particulary, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Value Added Tax has against you by means of the Notice sent to you.

Failing which, the interpellant warns you that he shall pass to execute the said executive title he has against you pro et noe by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Interpellant: Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara.

Notify Respondents: 1. Nawaflah Abdallah Ahmad, 54, Wells Street, Valletta.

2. Khaled Fathy Dora
32, Galathea Bldg,
Triq San Luqa,
Guardamangia MSD 07.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 27 ta' Marzu 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. Khaled Fathy Dora
32, Galathea Bldg,
Saint Luke's Street,
Guardamangia MSD 07.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 27th March 2007.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

512

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti, fis-16 ta' Novembru 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 916/05 RCP, fl-ismijiet Bank of Valletta plc versus Dr. Josef Grech, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) 173, St. Christopher Street, Valletta, ippreżentaw, Ċitazzjoni, fit-3 ta' Ottubru 2005, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kontra Dr. Josef Grech (ID 267081(M)) 165, Palm Street, Paola, fejn talbu l-konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni;

1) Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt imsemmi fiċ-ċitazzjoni (u hawn esebit bħala Dokument 'A') partikolarment imma mhux esklussivament billi Dr. Josef Grech (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra assunti fl-istess kuntratt sopraindikat u/jew (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess konvenut Dr. Josef Grech li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibiltà tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.

2) Tikkundanna lil Dr. Josef Grech iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' wieħed u erbgħin elf, disa' mija u erbgħa u għoxrin Liri Maltin u seba' ċenteżmi (Lm41,924.07) bilanċ għad-debitu fil-'Loan Accounts' ta' Dr. Josef Grech mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok 'B' 'Ċ' 'D' 'E') flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mid-9 ta' Settembru 2005, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt sabiex jidher għas-subizzjoni.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 916/2005 RCP, fl-ismijiet Bank of Valletta plc (C 2833) vs Grech Dr. Josef tinsab differita għas-smigħ għall-Erbgħa, il-5 ta' April 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 27 ta' Marzu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 16th November 2005, in the records of the Writ of Summons Number 916/05 RCP, in the names Bank of Valletta plc versus Dr. Josef Grech, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) 173, St. Christopher Street, Valletta, filed, a Writ of Summons on the 3rd October 2005, in the First Hall Civil Court against Dr. Josef Grech (ID 267081M) 15, Palm Street, Paola, whereby they asked the defendant why this Court for the reasons mentioned in the Writ of Summons should not;

1) Declare and decide that there occurred one or more of the events mentioned in the contract mentioned in the writ of summons (and herein exhibited as Document 'A') particulary but not exclusively as Dr. Josef Grech (a) failed to make the payments due to the interpellant company as stipulated in the said contract, (b) failed in other obligations assumed in the said contract above indicated and/or (c) there is a material change of circumstances of the same defendant Dr. Josef Grech which endanger or badly effect the possibility of repayment of the said debt due to the plaintiff company.

2) Condemn Dr. Joseph Grech to pay the plaintiff company the sum of forty one thousand, nine hundred and twenty four Maltese Liri and seven cents (Lm41,924.07) balance of debt in the 'Loan Accounts' of Dr. Josef Grech with the Bank of Valletta p.l.c. (Doc. 'B' 'C' 'D' 'E') together with further interest from the 9th September 2005, till the date of effective payment.

With costs as stated in the writ of summons against the defendant who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The cause Writ of Summons Number 916/2005 RCP in the names Bank of Valletta plc (C 2833) vs Grech Dr. Josef has been put off for hearing for Wednesday, 5th April 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 27th March 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

513

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Novembru 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Emanuel Bezzina ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Emanuel Bezzina a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 30 ta' Settembru 2005.

Lil Emanuel Bezzina

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, jinterpellak ai termini ta' l-Artikolu 48 ta' l-Att XII ta' l-1994, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-Att, tħallas l-ammont ta' elf sitt mija u żewġ liri Maltin (Lm1,602) rappreżentanti ammont dovut minnek bħalaTaxxa fuq il-ValurMiżjud.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond l-Att XII ta' l-1994 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment iżda mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontra tiegħek permezz ta' l-Avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas il-mittenti javzak li se jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-ismemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant biex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Mittenti: Centre Point Building, TriqTta' Paris, Birkirkara.

Notifika: Intimat: 'Sunny Devon', Triq Valletta, il-Mosta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 27 ta' Marzu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 18th November 2005 in the records of the judicial letter in the names Commissioner for Value Added Tax vs Emanuel Bezzina ordered the following publication for the purpose of service of Emanuel Bezzina in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 30th September 2005.

To Emanuel Bezzina

By the present, the Commissioner for Value Added Tax calls upon you in terms of Article 48 of Act XII of 1994, so that within two 2 days from the service of this Act, you pay the amount of one thousand six hundred and two Maltese liri (Lm1,602) representing amount due by you as Value Added Tax.

With costs and interests according to Act XII of 1994 till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law and particulary but not exclusively in order to render executable the executive title which the Commissioner for Value Added Tax has against you by means of the Notice sent to you.

Failing which the interpellant warns you that he shall pass to execute the said executive title he has against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to poceed.

Interpellant: Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara.

Notify: Respondent: 'Sunny Devon' ,Valletta Road, Mosta.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 27th March 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*